MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 417/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michelle Mallia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba ta' l-Employment & Training Corporation kontra Michelle Mallia talli fit-30 ta' Mejju 2009 u qabel din id-data fit-30 ta' Mejju 2009 f'Dixies Diner Kiosk, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, naqset li tavza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddmet maghha lil Emanuel Borg u lil Daniela Dimitrova Miteva ta' nazzjonalita` barranija;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2011 li

permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3(a), 4, 7 u 10 tal-A.L. 110/93 sabet lill-imsemmija Michelle Mallia hatja ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u kkundannatha multa ta' elf, mitejn u tmenin euro (€1,280);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Michelle Mallia pprezentat fil-21 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u dan billi tilliberaha mill-imputazzjoni migjuba kontra taghha;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni tal-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellanti huwa bazikament illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u li fi kwalunkwe kaz kellha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellanti. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid u ghalhekk setghet tevalwa tali provi.

**6.** L-ewwel li xehed kien **Louis Buhagiar**, ETC inspector, li qal li fit-30 ta' Mejju 2009 ghall-habta ta' 8.45 p.m. ghamel spezzjoni d-Dixies Diner Kiosk flimkien ma' Matthew Paris u osservaw tliet persuni jahdmu. Kellmu lill-appellanti, sidt il-kiosk, lil Emanuel Borg li dak il-hin kien qieghed jiggrillja burger, u lil Daniela Dimitrova Miteva li kienet qed timsah l-imwejjed quddiem il-kiosk. Skond dan ix-xhud, Emanuel Borg qalilhom li xi kultant kien imur jghin lill-appellanti bhala "cook" filwaqt illi Daniela Dimitrova Miteva qalet li dik kienet l-ewwel gurnata ta' xoghol taghha bhala helper u li kienet qed tipprova l-job. Ghal mistoqsijiet sussegwenti, pero`, dwar Emanuel Borg qal li kien qieghed jaqra d-dettalji mir-rapport – "stated that he is employed in this kiosk on a casual part-time basis as cook" – izda dan kien kitbu xi sentejn, tlieta ilu, u allura

meta kien qieghed jixhed quddiem din il-Qorti ma ftakarx jekk Borg ziedx il-kelma “cook”. Barra minn hekk irrizulta li fil-primi noti tieghu kien kiteb biss il-kelma “casual”.

**7. Matthew Paris** xehed illi fit-30 ta’ Mejju 2009 ghall-habta ta’ 8.45 p.m., hu flimkien ma’ Louis Buhagiar u Anthony Cauchi marru fid-Dixies Diner Kiosk u ntervistaw tlieta min-nies. Ix-xhud qal li kellem lil Emanuel Borg u lil Daniela Dimitrova Miteva. Qal li d-dokument MP1 a fol. 6 huwa l-primi noti u kitbu hu. Qal li Emanuel Borg kien fil-kcina qieghed jaghmel burger u qallu li kien ingaggat bhala casual part-time. Kieku qallu li l-burger kien ghalih, kien inizzel hekk fir-rapport. Daniela Dimitrova Miteva kienet barra l-Kiosk u kienet qed tnaddaf l-imwejjed. Qaltlu li dik kienet l-ewwel gurnata taghha. In kontro-ezami, dwar Emanuel Borg qal li kiteb “casual” ghax wasal ghal dik il-konkluzjoni jew ghax qallu Borg jew inkella tah ad intendere illi hu jmur hemm spiss biex jahdem hemm. Kieku qallu li kien imur hemm biex jaghti wens lill-appellanti kien jikteb dan fil-primi noti. Ix-xhud qal li l-kollegi tieghu kienu qeghdin hdejh imma waqt li kien qieghed ikellem lil Borg kien wahdu. Dwar Miteva qal li l-kelma “interview” ma qalithiex. Fil-primi noti semma li qalet li kienet “on trial” izda dan ma jezistix fil-ligi.

**8.** Xehed ukoll **Fiorenzo Desira** mill-*Compliance Unit* ta’ l-ETC li esebixxa l-*employment histories* ta’ l-appellanti, ta’ Emanuel Borg u ta’ Daniela Dimitrova Miteva. Inoltre qal li kienu rcevew *engagement form* u *termination form* ta’ Emanuel Borg mid-29 ta’ Mejju 2009 sat-30 ta’ Mejju 2009, u li rcevewhom fit-3 ta’ Gunju 2009.

**9. Daniela Dimitrova Miteva** xehdet illi fil-gurnata in kwistjoni kienet marret tfittex ix-xoghol fil-Kiosk ta’ l-appellanti. Damet hemm xi saghtejn jew tlieta biss ghax marru xi nies – l-ispetturi ta’ l-ETC – li talbuha isimha. L-appellanti wrietha x’ghandha taghmel bhala xoghol fil-Kiosk. Nies ma servietx. Fil-fatt ma ghamlet xejn. L-Ingliz taghha mhuwiex tajjeb, kienet imbezza’ ghax se tibda xi haga li ma kinitx taf x’ghandha taghmel u ghax marru fuqha l-ispetturi ta’ l-ETC. Fil-hin li kienet hemm, l-appellanti wrietha x’kellha taghmel.

**10. L-appellanti** xehdet illi Emanuel Borg huwa habib tal-familja u xi granet qabel kien hemm xi guvintur u tfajliet li kienu ghamlu storbju u whud minnhom ma ridux ihallsu, u hi bezghet ghax kienet wahedha u talbet lil Emanuel Borg biex jekk ikollu cans imur ftit, specjalment fil-*weekend*. Qatt ma hallsitu izda gieli kien jghidilha taghmillu burger u kienet tghidlu jidhol jaghmel hu. Dwar Daniela Dimitrova Miteva qalet li din marret is-Sibt filghaxija ssaqsiha ghax-xoghol, inzertat naqra *busy* u qaltilha li jekk trid tista' tibqa' bi prova. Ippruvat tfehemha izda xi mumenti ma setghux jiftehmu ghax ma kinitx taf sew bl-Ingliz. In kontro-ezami qalet li m'ghamlitx verifiki dwar Miteva biex tara jekk ghandhiex permess tahdem Malta. Dwar Emanuel Borg qalet illi kull ma kellu jaghmel kien li jmur ma' xi hbieb ipoggi ma' mejda fil-genb tal-bieb biex ma' l-ewwel intopp issejjahlu. Kienet biss kumbinazzjoni li gew ta' l-ETC meta dahal jaghmel burger ghalih innifsu.

**11. Emanuel Borg** ukoll xehed illi kienet iccempillu l-appellanti biex imur daqsxejn hdejha minhabba l-argumenti li gieli kienu jinqalghu. Dakinhar il-burger kien qieghed jaghmlu wara li kien talabha u qaltlu jaghmlu hu. Gieli kien ikun bilqieghda mal-hbieb u titolbu jgibilha xi pakkett Coca jew xi borza chips mill-istore. Hu qatt ma thallas. In kontroezami qal li meta marru l-ispetturi ta' l-ETC lanqas ma kien ilu ghaxar sekondi gol-gabbana. Dakinhar kien hemm Miteva wkoll. Huwa qatt ma pprepara burger ghal xi klijent ghax ibati b'irkobbtejh u ma jissaportix bilwieqfa.

**12.** Issa, skond l-Avviz Legali 110/1993, kull persuna li timpjega lil xi persuna ohra *whole-time*, *part-time* jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, ghandha tinnotifika lill-Korporazzjoni b'dak l-impieg mhux aktar tard mill-gurnata li fiha jibda l-impieg jew li fiha xi persuna tibda tahdem ghal rasha billi tigi mimlija l-formola ta' ingagg relattiva specifikata fl-iSkedi, skond il-kaz, annessi mar-regolamenti.

**13.** L-ewwelnett, kuntrarjament ghal dak li qal Matthew Paris, il-ligi fil-fatt issemmi "bi prova", b'dan illi anke dwar min jigi impjegat bi prova l-principal irid jinnotifika lill-

Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (minn hawn ‘il quddiem ETC). L-appellanti stess xehdet li lil Miteva qaltilha li setghet tibqa’ bi prova. Ghalhekk skatta f’dak il-mument l-obbligu li tinforma lill-ETC kif inghad. Ma tistax, pero`, din il-Qorti ma tirreferix ghac-cirkostanzi partikolari rizultanti f’dan il-kaz. Il-gurnata meta din Miteva avvicinat lill-appellanti ghax-xoghol kienet il-gurnata tas-Sibt filghaxija. Kienet ilha fuq il-post bejn siegha u nofs u saghtejn sakemm tfaccaw l-ispetturi ta’ l-ETC. L-appellanti kienet ippruvat tispjega lil Miteva x’kien mistenni minnha li taghmel. Ma jidhirx illi kien hemm komunikabilita` tajba hafna bl-Ingliz. Ma hemm l-ebda prova li kienet diga` giet miftehma n-natura ta’ kumpens. Sahansitra wara li kellmuha l-ispetturi ta’ l-ETC, Miteva telqet minn fuq il-post u ma jirrizultax li regghet irritornat. Miteva xehdet li nies ma servietx u li ma ghamlet xejn. L-ispetturi ta’ l-ETC qalu li kienu osservaw lil Miteva tnaddaf l-imwejjed quddiem il-Kiosk. Jigifieri xi forma ta’ xoghol limitat kienet diga` bdiet taghmel. Teknikament mela r-reat jissussisti.

**14.** Issa, l-ewwel Qorti sabet htija wkoll taht ir-regolament 7 ta’ l-Avviz Legali 110/93. Il-prosekuzzjoni, filwaqt illi ppruvat li Daniela Dimitrova Miteva hija ta’ nazzjonalita` barranija, ma pproduciet l-ebda prova dwar jekk kellhiex permess tax-xoghol jew le.

**15.** Kwantu ghal Emanuel Borg, ghalkemm il-kontenzjoni ta’ l-appellanti hi li ma kinitx impjegat lil dan Borg, jirrizulta li fit-3 ta’ Gunju 2009 gew ipprezentati l-formoli appoziti li bihom innotifikaw lill-ETC (il-formola a fol. 15 tidher iffirmata kemm mill-appellanti kif ukoll minn Emanjuel Borg) li l-imsemmi Emanuel Borg kien beda impieg ma’ l-appellanti bhala *helper* fid-29 ta’ Gunju 2009 u dan l-impieg intemm fit-30 ta’ Gunju 2009. Jigifieri dan jikkontradici dak li xehdu kemm l-appellanti kif ukoll l-imsemmi Emanuel Borg. Ghalhekk teknikament jezisti r-reat ukoll fir-rigward ta’ l-imsemmi Emanuel Borg.

**16.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet htija skond ir-regolament 7 ta’ l-Avviz Legali 110/1993, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghall-hlas

ta’ multa ta’ elf mitejn u tmenin euro (€1,280), u minflok tikkundannaha ghall-hlas ta’ multa ta’ mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------